# TAGĦRIF DWAR IZ-ŻWIEĠ – SKEMA 5

## BIL-LEĠIŻLAZZJONI TAD-DIVORZJU JITKISSRU AKTAR ŻWIĠIJIET JEW LE?

---

### 1. Skop ta' Liġi Ġusta

1.1 Skop ewlieni tal-liġi (kull liġi) huwa EDUKATTIV Jiġifieri twassal biex teduka għal imġieba tajba.
Bħala konsegwenza, għal ħafna dak li huwa legali huwa tajjeb (etikament).
Kulħadd jaf li dan mhux dejjem korrett, imma dik hija r-realta`.
Għalhekk il-leġislazzjoni li tippermetti d-divorzju, wara ftit żmien (anqas minn ġeneralzzjoni) tiġi tfisser għal ħafna li d-divorzju huwa tajjeb.
Dawk li jkunu żgħar jew għadhom ma twildux, ma jkollhomx ideja ta' xi jfisser żwieġ sal-mewt.

1.2 Il-Liġi hija strument soċjali, allura dak li huwa legali jfisser li s-soċjeta` tapprovah u dak li huwa llegali jfisser li s-Soċjeta` ma tapprovahx.
Għalhekk il-leġislazzjoni tad-divorzju għal ħafna tiġi tfisser li s-Soċjeta` tapprova li tista' titlaq l-ewwel familja tiegħek u tiżżewweġ mara/raġel ieħor.

Minn dan l-aspett teoretiku (jew akkademiku) wieħed jista' jikkonkludi li l-legisazzjoni taffettwa s-saħħa taż-żwieġ.

### 2. Riċerki

Dan huwa aspett li ġibed ammont ta' riċerka u sa minn żmien ilu.

2.1 Fl-1991, Prof Lynn D. Wardle[1] ippubblika studju dwar 10 riċerki li saru minn Prof Thomas Marvell dwar jekk il-leġislazzjoni tad-divorzju iżżidx it-tkissir taż-żwieġ. Il-biċċa l-kbira (mhux kollha) ta' dawn l-istudji jikkonkludu li mhemmx rabta ta' kawża u effett. Imma jikkritika dawn l-istudji għad-difetti serji li kellhom fid-disinn u l-organizazzjoni tagħhom (paġna 117). Huwa juri li meta l-informazzjoni li kellu Marvell tintuża' b'mod xjentifiku turi li hemm ammont ta' raġun li wieħed jgħid li l-leġislazzjoni ta' *no fault divorce* hija kawża ta' żjieda fin-numru ta' żwiġijiet li jitfarrku f'bosta stati tal-Amerika (paġna 117). Prof Wardle jagħti tabelli li juri li qabel il-leġislazzjoni ta' *no fault*

---

[1] See LYNN D. WARDLE, *No Fault Divorce and the Divorce Conundrum*, in *Bringham Young University Law Review* (1991/1) p. 79-142.

*divorce*, għal ħafna snin, ir-rata ta' tkisser taż-żwieġ kienet titla' bil-mod. Wara l-introduzzjoni tal-leġislazzjoni, ir-rata żdiedet malajr u b'rata għolja. Barra minn hekk, meta l-effett tar-riforma fil-leġislazzjoni laħaq il-quċċata tiegħu u reġa beda jsib il-livell normali, dan il-livell normali kien ogħla minn qatt qabel (paġna 118).

2.2 Fl-1994, Ruth Deech ippubblikat l-esperjenza tagħha meta fl-1969, ta' 26 sena kienet membru tal-Kummissjoni li ipproponiet ir-riforma fil-liġi tad-Divorzju fir-Renju Unit[2]. Kwotazzjoni qasira mill-introduzzjoni ta' din l-esperjenza tagħtina stampa ċara ta' x'kien ir-riżultat ta' din ir-riforma:

> *The changes are based on the recommendations of the Law Commission, as reshaped by the Lord Chancellor to promote family values and save legal costs... Today's reformers use many of the same terms and arguments as their predecessors in the 1950s and 1960s. But easier divorce has failed to realise the aims of its original proponents and, in many ways, has gone against them... The message of the reforms is that marriage should be regarded as a short-term commitment – and this perception of the law will increase still further the rate of marriage breakdown... They will save neither money nor marriages, and please no one outside the narrow legal establishment which instigated them[3].*

2.3 Fl-2002, Prof Giulio Fella[4] u sħabu ippubblikaw studju biex juru li r-relazzjoni ta' kawża u effet bejn il-liġijiet li jirregulaw iż-żwieġ u t-tifrik taż-żwieġ xejn mhi ċara u r-riċerki mhumiex konklussivi.

2.4 Fl-2007, Prof Douglas W. Allen u Maggie Gallagher ippubblikaw riċerka fuq dan is-suġġett[5]. Studjaw 24 riċerka fuq l-effett tal-leġislazzjoni *no fault divorce* u r-rati tad-divorzju fl-Istati Uniti u f'pajjiżi oħra. Sbatax minn dawn l-istudji jikkonkludu li l-introduzzjoni ta' din il-leġislazzjoni żidet ir-rata tad-divorzji. Din ir-rata kienet tvarja minn 10 sa 88 fil-mija. Kif inhu mistenni, ikkonkludew ukoll li mhux il-leġislazzjoni biss taffettwa din ir-rata u jista' jkun li mhix l-aktar kawża importanti. Sabu wkoll li f'xi każi

[2] RUTH DEECH, *Divorce Dissent – Dangers in Divorce Reform*, CENTRE FOR POLICY STUDIES, Policy Study No 136 (January 1994).

[3] Paġna 5

[4] GIULIO FELLA - PAOLA MANZINI - MARCO MARIOTTI, *Does Divorce Law Matter?* in IZA Discussion Paper No. 439 (February 2002) p.1. Fil-footnote 1 ta' dan l-istudju hemm lista ta' riċerki li jaslu għal konkluzzjonijiet differenti.

[5] 24 DOUGLAS W. ALLEN and MAGGIE GALLAGHER, *Does Divorce Law Affect the Divorce Rate? A Review of Empirical Research, 1995-2006*, INSTITUTE FOR MARRIAGE AND PUBLIC POLICY, iMAPP *Research Brief* (July 2007) 1/1.

jirrizulta li r-rata għolja hija permanenti waqt li f'xi każi oħra terġa' titbaxxa.

2.5 Il-Professuri Libertad Gonzales u Tarja K. Vittanen, studjaw il-leġislazzjonijiet tad-divorzju u l-effetti tagħhom fi 18 il-pajjiz tal-Europa[6]. Il-konkluzzjoni tagħhom kienet li l-introduzzjoni ta' *no fault divorce* ġabet żjieda ta' 20 fil-mija tad-divorzji (paġna 21) u jikkonsidraw dan ir-riżultat bħala kalkolu konservattiv. Jikkonkludu wkoll li "ir-riformi legali li saru fl-Ewropa bejn l-1960 u l-2002 ġabu 20 fil-mija taż-żjieda tar-rata tad-divorzju fl-Ewropa f'dan il-perjodu (p. 21). Konkluzzjoni oħra kienet li din iż-żjieda kienet permanenti u b'effett fit-tul (p. 3).

[6] LIBERTAD GONZALES and TRJA K. VITTANEN: *The Effect of Divorce Laws on Divorce Rates in Europe*, in *IZA Discussion Paper* 2023 (March 2006).